**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 14 ta’ Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Jemal Abubaker Hilafu**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

   Jemal Abubeker Hilafu ta’ 27 sena’ bin Abubeker u Zara imwieled gewwa Gash Barka, l-Eritrea fl-1 ta’ Jannar 1995, resident gewwa 24, Triq Indri Cilia, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 9001321A**.**

   Akkuzat talli dakinhar tat-Tlieta (3) ta’ Frar 2022 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ filghaxija 15:30hrs u/jew f’hinijiet qabel wara gewwa ‘Corner Discount Store’ sitwat gewwa Triq San Gejtanu, Hamrun, jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta att ta’ natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma kienx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmija fl-Artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi, tal-Kodici Kriminali ta’ Malta, fuq il-persuna ta’ Mariah Turner;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku fuq il-persuna ta’ Mariah Turner;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, issoggetta lil Mariah Turner, ghal xi att u, jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza cioe’ Mariah Turner jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fl-ewwel seduta f’dawn il-proceduri, u cioe fis-6 ta’ Frar 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta’ seba’ (7) snin prigunerija, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

4. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

5. Semghet il-provi u it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

7. Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u ghaldaqstant ma heliex il-hin tal-forzi ta' l-ordni u ta' dawn il-Qrati.

8. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-imputat ilu disa' (9) snin jghix hawn Malta u l-fedina penali tieghu hija wahda netta.

9. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta, li fejn jidhlu vizzji, jidher li l-imputat ma ghandux problemi inkwetanti u l-istess jista' jinghad ghas-sahha kemm mentali kif ukoll sahha fizika, fejn jidher li ma hemmx bzonn ta' interventi specifici.

10. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, fuq l-aspett tal-impjieg jidher li fil-mument l-imputat huwa sid hanut tal-merca, u li l-imputat ghandu relazzjoni tajba mal-klijentala tieghu, u numru kbir ta' nies imorru jixtru l-affarijiet bazici taghhom minn ghandu.

11. Jirrizulta wkoll li l-imputat ikkoopera kemm mal-Pulizija kif ukoll mall-Ufficjal tal-Probation.

12. Fir-rapport tieghu, l-Ufficjal tal-Probation qal hekk rigward il-pjan ta' kura:

*"Fid-dawl tac-cirkostanzi, l-aspetti pozittivi li l-imputat diga ghandu f'hajtu ghandhom jibqghu kkonsolidati specjalment fejn jidhol l-impjieg kif ukoll fl-aspett ta' integrazzjoni. Ghaldaqstant, element ta' kura u kontroll jistghu jkunu beneficjali*

*permezz ta' supervizjoni sabiex minbarra dan, huwa jkun mghejun sabiex jitkellem kemm fuq l-aspetti personali tieghu kif ukoll jaghraf li certu cirkostanzi m'humiex permess fil-kultura Maltija."*

13. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu hekk:

*"Mill-informazzjoni migubra ghall-fini ta' dan ir-rapport jirrizulta li Ordni ta' Servizz fil-Komunita tista' tkun difficli li Jemal Abukeker Hilafu jikkommetti ruhu ghalih minhabba s-sieghat twal ta' xoghol li huwa jaghmel mit-Tnejn sal-Hadd. Umilment ghalhekk, qed ikun suggerit illi jkun iktar idoneu li jinghata Ordni ta' Probation sabiex ikunu indirizzati l-aspetti msemmija izda dan dejjm kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti."*

14. Tenut kont tar-rizultanzi fir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, il-Qorti taqbel ma din ir-rakkomandazzjoni. Jidher li dan kien incident isolat, u li l-imputat iddispjacih mill-agir tieghu.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 207, 209 u 251A(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

    2. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

3. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

4. In oltre, ai termini tal-Artikolu 383A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Mariah Turner. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza/ mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**